

fl-użu ta' sustanzi perikolużi, kif emendata bid-Direttiva 2003/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2003, ir-Repubblika tal-Awstria naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11(1)(c) ta' din id-direttiva.

- 2) Ir-Repubblika tal-Awstria hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 327, 20.12.2008

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-24 ta' Marzu 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van koophandel Hasselt — Il-Belġju) — NV de Nationale Loterij vs BVBA Customer Service Agency

(Kawża C-525/06) (¹)

(Appell minn deċiżjoni li tirrigwarda talba għal deċiżjoni preliminari — Qorti ta' appell li tiddeċiedi hija stess il-kawża prinċipali — M'hemmx lok li tingħata risposta)

(2009/C 141/34)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-23 ta' April 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-493/08) (¹)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2005/56/KE — Mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst)

(2009/C 141/33)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: I. Dimitriou u P. Dejmek, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: N. Dafniou, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċċesarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 19 ta' din id-direttiva.

Dispożittiv

- 1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, l-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċesarji sabiex tikkonforma ruħu mad-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 19 ta' din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 6, 10.01.2009.

Qorti tar-rinviju

Rechtbank van koophandel Hasselt

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: NV de Nationale Loterij

Konvenuta: BVBA Customer Service Agency

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank van koophandel Hasselt — Interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE — Lotterija nazzjonali li għandha monopolju legali fit-territorju ta' Stat Membru, bl-iskop li tillimita l-vizzju tal-logħob iżda li b'mod regolari tirreklama bl-iskop li tippmrwovi l-parteċipazzjoni fil-lotterija — Li ġi nazzjonali li tipprobbixxi l-bejgħ minn impriżzi oħra bi skop ta' lukru, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-lotterija nazzjonali, ta' biljetta ta' partiċipazzjoni komuni.

Dispożittiv

M'hemmx lok li tingħata risposta għat-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża C-525/06.

(¹) ĠU C 42, 24.02.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Jannar 2009 — Mebrom NV vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-374/07 P) (¹)

(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni — Dannu ċert u attwali — Żnaturament tal-elementi fattwali u tal-elementi ta' prova — Oneru tal-prova)

(2009/C 141/35)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Appellant: Mebrom NV (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: X. Lewis, aġent)